

31990D0170

7.4.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 92/52

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-2 ta' April 1990****dwar l-aċċettazzjoni mill-Komunità Ekonomika Ewropea tad-Deċiżjoni/Rakkomandazzjoni ta' l-OECD
dwar il-kontroll tal-movimenti transkonfini ta' skart perikoluż**

(90/170/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 130s tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-Kumitat dwar l-Ambjent ta' Organizzazzjoni għal Koperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku (OECD) għadda lill-Kunsill ta' dik l-organizzazzjoni l-abbozz tad-Deċiżjoni/rakkomandazzjoni li, fost affarijiet oħra, tirrakkomanda r-ratifika u l-applikazzjoni bla dewmien tal-Konvenzjoni ta' Bażilju dwar il-kontroll tal-movimenti transkonfini ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu, iffirmit fit-22 ta' Marzu, 1989 minn uħud mill-Istati Membri ta' l-OECD, kif ukoll il-Komunità;

Billi d-Deċiżjoni/rakkomandazzjoni timmira, fost affarijiet oħra, li tobbliga l-Istati Membri jenforzaw il-kontroll fuq il-movimenti transkonfini ta' l-iskart perikoluż;

Billi parti mill-għanijiet tal-Konvenzjoni ta' Bażilju u ta' l-imsemmija deċiżjoni/rakkomandazzjoni tidħol fil-kompetenza tal-Komunità;

Billi d-Deċiżjoni/rakkomandazzjoni għandha tkun approvata mill-Komunità fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ta' l-OECD,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu uniku

Id-Deċiżjoni/rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-OECD dwar il-kontroll tal-movimenti transfruntieri ta' l-iskart perikoluż qiegħed hawnhekk jiġi approvat fisem il-Komunità Ekonomika Ewropea sakemm ikunu konċernati l-kwestjonijiet illi jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħha.

It-test tad-Deċiżjoni/rakkomandazzjoni qiegħed jiġi anness mal-preżenti.

Il-Lussemburgu, 2 April 1990.

*F'isem il-Kunsill**Il-President*

G. COLLINS

⁽¹⁾ ĠU C 68, tad-19.3.1990.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fit-tmienja u għoxrin ta' Frar 1990 (għada ma ġietx ippubblikata fil-ġurnal uffiċjali).

ANNEX

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-MOVIMENTI TRANSKONFINI TA' L-ISKART PERIKOLUŻ

IL-KUNSILL

Wara li kkunsidra l-Artikolu 5(a) u 5 (b) tal-Konvenzjoni dwar Organizzazzjoni għal Koperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku ta' l-14 Diċembru 1960,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni u rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-1 ta' Frar 1984 dwar il-movimenti transkonfini ta' l-iskart perikoluż (C(83) 180 finali),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni/rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 1986 dwar l-esportazzjonijiet ta' l-iskart perikoluż minn arja ta' l-OECD (C(86) 64 finali),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 1988 dwar il-movimenti transkonfini ta' l-iskart perikoluż ((C(88) 90 final),

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-kontroll tal-movimenti transkonfini tal-materjal perikoluż u r-rimi tiegħu, adottat f'Bażilju fit-22 ta' Marzu 1989,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjoni Nru. 4 anness ma' l-Att Finali tal-Konferenza tal-plenipotenzarji dwar il-Konvenzjoni Globali dwar il-Kontroll tal-movimenti transkonfini ta' l-iskart perikoluż, dwar ir-responsabilità ta' l-Istati għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Bażilju,

Filwaqt illi jilqgħu l-isforzi fuq il-livell globali li tiġi stabbilita sistema li tikkontrolla l-movimenti transkonfini ta' l-iskart perikoluż;

Filwaqt illi jikkunsidraw illi għandhom jittieħdu passi malajr kemm jista' jkun biex jimplimentaw il-prinċipji illi jistabu fl-istrumenti hawn fuq imsemmija;

Dwar il-Proposta tal-Kumitat dwar l-Ambjent

- I. JIDDEĊIEDI illi l-pajjiżi Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 tad-Deċiżjoni/rakkomandazzjoni C (86)64 finali, għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex tiġi projbita l-esportazzjoni ta' skart perikolu I lejn kwalunkwe pajjiż illi jkun ipprojbixxa l-importazzjoni ta' dan l-iskart għar-rimi;
- II. JIRRAKKOMANDA illi l-pajjiżi Membri jieħdu l-passi kollha xierqa biex jiffirmaw u jirratifikaw l-Konvenzjoni ta' Bażilju fid-data l-aktar bikrija possibbli, konsistenti mal-proċeduri nazzjonali rispettivi tagħhom;
- III. JIRRAKKOMANDA illi l-pajjiżi Membri jieħdu l-passi kollha xierqa biex jipprovdur l-għajnuna teknika u t-taħriġ fl-oqsma ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart lill-pajjiżi illi jiġu bżonn din l-għajnuna;
- IV. JIRRAKKOMANDA illi l-pajjiżi Membri jikkoperaw ulterjorment fl-armonizzazzjoni tas-sistemi tan-notifika u l-proċeduri għall-kontroll tal-movimenti transkonfini ta' l-iskart perikoluż bejniethom.